



Ġabra tal-ġurisprudenza

Sentenza tal-Qorti Ġenerali (L-Ewwel Awla) tal-15 ta' Diċembru 2016 – DEI vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-421/09 RENV)

“Kompetizzjoni – Abbuż minn pożizzjoni dominanti – Swieq Griegi għall-provvista ta' linjite u ta' elettriku bl-ingrossa – Deċiżjoni li tistabbilixxi miżuri speċifiċi sabiex jiġu rrimedjati l-effetti antikompetittivi ta' ksur tal-Artikolu 86(1) KE, moqri flimkien mal-Artikolu 82 KE – Artikolu 86(3) KE – Obbligu ta' motivazzjoni – Proporzjonalità – Libertà kuntrattwali”

- Atti tal-istituzzjonijiet - Motivazzjoni - Obbligu - Portata - Deċiżjoni li jiġu applikati r-regoli tal-kompetizzjoni*
(Artikolu 253 KE)
(ara l-punti 109, 110)
- Rikors għal annullament - Motivi - Nuqqas jew insuffiċjenza ta' motivazzjoni - Motiv distint minn dak li jirrigwarda l-legalità fil-mertu*
(Artikoli 230 KE u 253 KE)
(ara l-punt 111)
- Dritt tal-Unjoni Ewropea - Prinċipji - Drittijiet fundamentali - Libertà kuntrattwali - Restrizzjonijiet - Ammissibbiltà - Kundizzjonijiet - Restrizzjonijiet imposti skont ir-regoli tal-kompetizzjoni*
(Artikolu 6(3) TUE, Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, Artikolu 16, Artikolu 86(3) KE)
(ara l-punti 130-144)
- Kompetizzjoni - Impriżi pubbliċi u impriżi li jibbenefikaw minn drittijiet speċjali jew esklużivi mogħtija mill-Istati Membri - Kompetenzi tal-Kummissjoni abbażi tad-dmir ta' sorveljanza tagħha - Deċiżjoni li tistabbilixxi miżuri speċifiċi sabiex jiġu rrimedjati l-effetti antikompetittivi ta' ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni - Ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità - Assenza*
(Artikolu 86(3) KE)
(ara l-punti 147-162)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2009) 6244 finali, tal-4 ta' Awwissu 2009, li tistabbilixxi miżuri speċifiċi sabiex jiġu rrimedjati l-effetti antikompetittivi tal-ksur ikkonstatat fid-deċiżjoni tal-Kummissjoni, tal-5 ta' Marzu 2008, dwar l-għoti jew iż-żamma mir-Repubblika Ellenika ta' drittijiet favur DEI għall-estrazzjoni ta' linjite.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Dimosia Epicheirisi Ilektrismou AE (DEI) hija kkundannata tbat, minbarra l-ispejjeż tagħha, dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.
- 3) Ir-Repubblika Ellenika għandha tbat l-ispejjeż tagħha.